# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2020**

**Numru 7**
**Rikors maħluf numru 4/2013 SM**

***Alpha Briggs Mediterranean Limited***
**(C38859); illum *AOST Solutions Limited***

***v.***

***Briggs Environmental Services Limited***

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Diċembru 2014 li laqgħet eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni mressqa mis-soċjetà konvenuta. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

2. B'kitba privata tal-1 ta' April 2008 l-attriċi kienet kriet lill-konvenuta xi apparat biex il-konvenuta tinqeda bih fl-Oman, bil-patt li l-konvenuta troddulha lura fi żmien tliet xhur wara li tkun mitluba tagħmel hekk, u b'dan ukoll illi l-konvenuta tkun responsabbli għall-ġarr tal-apparat

minn Malta lejn l-Oman u lura mill-Oman lejn Malta. F'Diċembru tal-2010 l-attriċi talbet lill-konvenuta trodd l-apparat, iżda għalxejn. Minħabba f'hekk l-attriċi tilfet okkażjonijiet biex tinqeda bl-apparat bi qligħ, barra li l-konvenuta għad għandha wkoll tħallas xi bilanċ ta' kera. L-attriċi għalhekk fetħet il-kawża tallum u talbet illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li s-soċjetà intimata qed tirrifjuta tirritorna l-apparat imsemmi fl-iskrittura datata l-1 t'April 2008, bi ksur tal-istess;
>
> »2. tordna lis-soċjetà intimata tirritorna minnufih u a spejjeż tagħha l-apparat in diżamina lis-soċjetà rikorrenti u, fin-nuqqas, li tħallas lill-istess soċjetà rikorrenti l-valur tal-istess apparat … … …
>
> »3. tiddikjara li bl-aġir tas-soċjetà intimata s-soċjetà rikorrenti soffriet danni konsistenti minn telf ta' xoghol u minn dħul finanzjarju mill-użu u/jew kiri tal-istess apparat lil terzi;
>
> »4. tillikwida d-danni msemmija fil-paragrafu preċedenti … … …;
>
> »5. tillikwida l-bilanċ li għadu dovut mis-soċjetà intimata lil dik rikorrenti a bażi tal-iskrittura datata l-1 t'April 2008;
>
> »6. tikkundanna lis-soċjetà intimata biex tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammonti hekk likwidati.«

3. Il-konvenuta ressqet l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi l-qorti "ma għandhiex ġurisdizzjoni tisma' l-kawża". L-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Illi preliminarjament is-soċjetà intimata eċċepiet in-nuqqas ta' guris-dizzjoni tal-qrati Maltin *ai termini* tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea 44/2001;
>
> »… … …
>
> »Illi dan ir-Regolament għandu forza ta' liġi f'Malta u hu applikabbli b'mod dirett;
>
> »Illi dan ir-Regolament japplika għall-każ odjern billi dan hu kwistjoni ta' natura ċivili u mhux eskluż mill-operat tal-istess Regolament;
>
> »Illi dan ir-Regolament japplika wkoll a bażi tal-artiklu 742(6) tal-Kap. 12 tal-Liġi ta' Malta;
>
> »Illi l-artiklu 2 tal-imsemmi Regolament jistabilixxi li:
>
> > »"persons domiciled in a Member State shall, whatever their nationality, be sued in the Courts of that Member State";
>
> »Illi dan gie ribadit mill-*First Chamber* tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-kaz "Nicole Hassett *v. South Eastern Health Board* u Cheryl Doherty

<u>v. North Western Health Board</u> tat-2 t'Ottubru, 2008, ċitati mill-istess soċjetà intimata;

»Illi kif kompliet tirribadixxi l-istess qorti indikata fil-paragrafu preċedenti fil-kawża numru C-281/02 minnha wkoll ċitata fl-istess nota:

> »"It must be observed, first, that Article 2 of the Brussels Convention is mandatory in nature and that, according to its terms, there can be no derogation from the principle it lays down except in the cases provided for by the Convention";

»Illi għalhekk għandu jkun paċifiku li kemm ir-Regolamenti in diżamina u l-każistika Ewropea li tinforzah, jirrikjedu li wieħed għandu jiġi mħarrek fl-istat membru fejn l-istess intimat ikun domiċiljat;

»Illi jirriżulta li s-soċjetà intimata hi reġistrata l-Iskozja; topera wkoll l-Iskozja;

»Illi l-ftehim tal-1 t'April 2008 pattwit bejn il-partijiet ma jistabilixxi l-ebda klawsola rigwardanti l-ġurisdizzjoni bejn il-kontendenti f'każ ta' diżgwid;

»Illi l-oġġett tal-istess ftehim kellu jiġi eżerċitat fl-Oman;

»Ikkunsidrat:

»Illi minn ezami tal-fatti kif fuq sintetikament esposti jirrizulta s-segwenti: 1. illi l-ftehim pattwit fuq riferit gie konkluz f'Malta; 2. illi s-soċjetà rikorrenti hi reġistrata u topera f'Malta; 3. illi s-soċjetà intimata hi reġistrata fl-Iskozja; 4. illi l-oġġett meritu tal-ftehim hekk pattwit kellu jiġi eżegwit l-Oman;

»Illi tenut kont tas-suespost għandu jkun paċifiku li lanqas l-artiklu 5 tar-Regolament Ewropew Numru 44/2001 ma japplika għall-vertenza odjerna.«

4. L-attriċi appellat b'rikors tat 23 ta' Diċembru 2014 li għalih il-konvenuta wieġbet fl-20 ta' Diċembru 2019.

5. Billi l-konvenuta fit-tweġiba tagħha ressqet eċċezzjoni ta' nullità tal-appell, il-qorti sejra tqis din l-eċċezzjoni qabel ma tqis il-meritu tal-appell.

6. Il-konvenuta tgħid illi l-appell ma jiswiex għax ma ġiex ippreżentat minn min għandu setgħa jippreżenta atti f'isem is-soċjetà appellanti.

7. Ir-rikors tal-appell ġie preżentat minn Joseph Borg. Sabiex tistabilixxi jekk dan Joseph Borg għandux setgħa jippreżenta atti f'isem l-attriċi l-qorti b'dikriet tal-4 ta' Ġunju 2020 tat lill-attriċi żmien sabiex tippre-

żenta d-dokumenti relativi li juru dan, u l-attriċi, b'nota tat-12 ta' Ġunju 2020, ippreżentat kopja ta' *form K* magħmula taħt id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji li turi illi Joseph Borg ilu maħtur direttur u segretarju tal-kumpannija sa minn Settembru tal-2009, jiġifieri sa minn qabel il-preżentata tar-rikors tal-appell fit-23 ta' Diċembru 2014. Barra minn hekk, safejn dan kien meħtieġ, l-attriċi ippreżentat ukoll riżoluzz-joni tad-diretturi li tirratifika dak li għamel Joseph Borg fil-kawża f'isem l-attriċi.

8. Billi għalhekk jidher illi Joseph Borg kellu s-setgħa li jippreżenta r-rikors tal-appell f'isem is-soċjetà attriċi, għal dak li jgħid u jrid l-art. 181A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell hija miċħuda.

9. Ngħaddu issa għall-meritu tal-appell, li essenzjalment hu illi l-ewwel qorti ma tat ebda raġuni valida għala waslet biex tgħid illi l-art. 5 tar-Regolament 44/2001[1] ["ir-Regolament"] ma jgħoddx għall-każ tallum. L-art. 5 tar-Reġolament igħid hekk:

> *»Artikolu 5*
>
> »Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista', fi Stat Membru ieħor, tkun imfittxija:
>
> »1. (a) f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' xi kuntratt, fil-qrati tal-post tat-twettieq tal-obbligi f'dak il-każ;
>
> »(b) għall-iskopijiet ta' din id-disposizzjoni u sa kemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, il-post tat-twettiq tal-obbligi f'dak il-każ għandu jkun:
>
> »— fil-każ ta' bejgħ ta' oġġetti, il-post fl-Istat Membru fejn, skond il-kuntratt, l-oġġetti ġew kunsinjati jew suppost li kienu kunsinjati,

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġuris-dizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, li kien fis-seħħ fiż-żmien relevanti, illum huwa riformulat bir-Regolament (UE) numru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembvru 2012.

»— fil-każ ta' provista ta' servizzi, il-post fl-Istat Membru fejn, skond il-kuntratt, ġew provduti jew suppost li kienu provduti servizzi,

»(ċ) jekk sub-paragrafu (b) ma japplikax, japplika s-subparagrafu (a);

»… … …«

10. Dan l-artikolu jipprovdi illi, minkejja r-regola ġenerali tal-art. 2 tar-Regolament illi "persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom … … … jiġu mfittxija fil-qrati ta' dak l-Istat Membru", persuna domiċiljata fi stat membru tista' tiġi mfittxija fi stat membru ieħor jekk dak l-istat membru ieħor huwa "l-post tat-twettiq tal-obbligi".

11. Fil-każ tallum l-obbligazzjonjijiet kuntrattwali ħlief forsi dik tal-ħlas tal-kera kellhom jitwettqu f'Malta u mhux, kif tgħid il-konvenuta, fl-Oman. L-obbligazzjoni ewlenija tal-attriċi kienet li tikkonsenja l-apparat lill-konvenuta u l-obbligazzjonijiet tal-konvenuta kienu l-ħlas ta' kera u r-radd tal-apparat. Għalkemm il-konvenuta kienet sejra tinqeda bl-appart fl-Oman, l-obbligazzjoni tal-attriċi kienet li tikkonsenja l-apparat lill-konvenuta f'Malta, mhux fl-Oman, għax il-ġarr minn Malta lejn l-Oman kellha tieħu ħsiebu l-konvenuta. Il-kera kellu jitħallas fid-domiċilju tad-debitur[2], *i.e.* tal-konvenuta, iżda l-obbligazzjoni tar-radd tal-apparat kellha titwettaq f'Malta. Għalhekk il-ġurisdizzjoni relativa għall-obbligazzjonijiet ta' konsenja hija dik tal-qrati ta' Malta, li huma l-qrati tal-istat membru li huwa "l-post tat-twettieq tal-obbligi". Tifdal il-kwistjoni jekk il-qrati ta' Malta għandhomx ukoll ġurisdizzjoni fuq it-talba għall-ħlas tal-kera, ladarba l-kera kellu jitħallas fid-domiċilju tad-debitur, *i.e.* fl-Iskozja.

[2] Art. 1159(4), Kod. Ċiv.

12. Fis-sentenza fl-ismijiet Peter Rehder *v. Air Baltic Corporation*[3], il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qalet hekk:

> »37 Ma jistax jiġi applikat, fil-konfront tal-għanijiet ta' prossimità u ta' prevedibbiltà, li jridu jinkisbu permezz tal-konċentrazzjoni tal-ġurisdizzjoni fil-post tal-provvista tas-servizzi, abbażi tal-kuntratt inkwistjoni, u permezz tal-fatt li tiġi stabbilita ġurisdizzjoni waħda għall-ilmenti kollha bbażati fuq dan il-kuntratt, approċċ differenti fil-każ ta' diversi postijiet ta' provvista tas-servizzi inkwistjoni fi Stati Membri differenti. Fil-fatt, din id-differenza, barra l-fatt li ma għandha l-ebda bażi fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 44/2001, tmur kontra l-għan aħħari tiegħu, li, permezz tal-unifikazzjoni tar-regoli dwar il-kunflitt ta' ġurisdizzjoni f'materji ċivili u kummerċjali, jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja kif ukoll l-operat tajjeb tas-suq intern fi ħdan il-Komunità (ara l-premessi 1 u 2 tar-Regolament Nru 44/2001).
>
> »38 Għaldaqstant, għandu jinstab ukoll, fil-każ ta' diversi postijiet ta' provvista ta' servizzi fi Stati Membri differenti, il-post fejn hemm l-iktar rabta stretta bejn il-kuntratt inkwistjoni u l-qorti li għandha ġurisdizzjoni, b'mod partikolari dak fejn, skont dak il-kuntratt, il-provvista prinċipali tas-servizzi għandha ssir.«

13. Il-kwistjoni għalhekk mela hi issa hi liema hu "l-post fejn hemm l-iktar rabta stretta bejn il-kuntratt inkwistjoni u l-qorti li għandha ġurisdizzjoni". Fil-fehma tal-qorti fil-każ tallum l-obbligazzjonijiet li l-aktar jikkaratterizzaw il-kuntratt bejn il-partijiet huma dawk tal-konsenja li, kemm il-konsenja tal-bidu mill-attriċi lill-konvenuta u kemm dik tar-radd lura tal-apparat mill-konvenuta lill-attriċi, kellhom jitwettqu f'Malta.

14. Il-qrati ta' Malta għalhekk għandhom ġurisdizzjoni fuq il-kwistjonijiet kollha li jitnisslu mir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, ukoll dwar it-talba għall-ħlas tal-kera u wkoll dwar it-talba għad-danni bħala konsegwenza ta' nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni tar-radd tal-apparat li kellha titwettaq f'Malta.

---

[3] C-204/08, 9 ta' Lulju 2009.

15. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

16. L-ispejjeż tal-eċċezzjoni ta' nullità jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet; l-ispejjeż l-oħrajn kolha, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, tħallashom is-soċjetà konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb